



---

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

---

**2018/2046(BUD)**

30.8.2018

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Bagħiġi

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019  
(2018/2046(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Adina-Ioana Vălean

PA\_NonLeg

PE623.639v02-00

2/7

AD\1161676MT.docx

**MT**

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li 20,1 % tal-impenji totali fl-abbozz ta' baġit għall-2019 (AB 2019) huma marbuta mal-klima; jiiddispjaċih li minkejja l-għan li 20 % tan-nefqa tal-baġit tal-Unjoni tkun marbuta mal-indirizzar tat-tibdil fil-klima, l-andament tal-baġit tal-Unjoni jindika li se jintlaħaq biss 19,3 % matul il-perjodu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali; jenfasizza li għandu jsir kull sforz biex tintlaħaq il-mira ta' 20 %; jenfasizza li livell xieraq ta' appoġġ finanzjarju huwa kruċjali għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima;
2. Jinnota li 8,2 % tal-impenji totali huma marbuta mat-tibdil tar-rotta tad-deklin tal-bijodiversità; jitlob l-allokazzjoni ta' riżorsi suffiċjenti għall-protezzjoni tal-bijodiversità; ifakkar li, skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Baġit għall-Ewropa 2020", il-ffinanzjament tal-Istrateġija Ewropea għall-Bijodiversità sal-2020 u l-objettiv tagħha li twaqqaf u tbiddel ir-rotta tad-deklin tal-bijodiversità fl-Unjoni jirrikjedi l-integrazzjoni tal-bijodiversità fil-baġit kollu tal-Unjoni;
3. Jinnota ż-żieda ta' EUR 31,3 miljun f'impenji għal LIFE (+6 %); jiiddispjaċih li LIFE jirrapreżenta biss 0,3 % tal-AB 2019;
4. Jieħu nota tal-ammonti proposti ta' EUR 68,3 miljun f'impenji (+2,9 %) u EUR 61,3 miljun f'pagamenti (+9,6 %) għas-settur tas-saħħa; jiiddispjaċih li dan l-ammont huwa biss 0,04 % tal-AB 2019 u 1,8 % tal-Intestatura 3 (f'temini ta' impenji);
5. Iqis li r-riżorsi għas-saħħa għandhom jiżdiedu, speċjalment dawk allokat għar-riċerka dwar il-mard mentali; jistieden lill-Kummissjoni teżamina liema programmi tista' timplimenta biex iż-żid l-ammonti allokat għar-riċerka u l-iż-żvilupp f'dan il-qasam fid-dawl tal-perjodu tal-QFP li jmiss, u tirrapporta lura lill-Parlament;
6. Jieħu nota tal-ammonti proposti ta' EUR 297,7 miljun f'impenji (+6,3 %) u EUR 245,8 miljun f'pagamenti (-1 %) għall-ikel u l-għalf; jiiddispjaċih li dan l-ammont huwa biss 0,18 % tal-AB 2019 u 8 % tal-Intestatura 3 (f'termini ta' impenji);
7. Jinnota ż-żieda fl-impenji għall-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (EUR 149,6 miljun, + 350 %), li huwa wieħed mill-pedamenti tas-solidarjetà tal-Unjoni; jenfasizza li din iż-żieda hija meħtieġa peress li l-AB 2019 jinkludi l-impatt tal-proposta tal-Kummissjoni biex il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili jiġi rivedut;
8. Jinnota li l-postijiet permanenti u temporanji awtorizzati skont l-AB 2019 baqgħu l-istess meta mqabbla mal-baġit tal-2018 għaċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) u għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), filwaqt li kien hemm żieda fdawk il-postijiet

fl-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) (+1)<sup>1</sup> u fl-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (+3); jenfasizza li, fejn xieraq, iridu jiġu allokati aktar riżorsi umani u finanzjarji lil dawk l-aġenziji sabiex jissodisfaw il-mandat tagħhom u jwettqu l-kompli tagħhom, u sabiex jiġi promoss approċċ ibbażat fuq ix-xjenza fl-Unjoni;

9. Jirrikonoxxi li l-postijiet temporanji awtorizzati skont l-AB 2019 għall-ECHA għandhom jiżdiedu bi tlieta; jirrimarka li din iż-żieda hija intiża biex tqarreb ir-riżorsi bijoċidali tal-ECHA lejn il-livell previst oriġinarjament, u bi tpattija għan-nuqqas ta' riżorsi li kien hemm fl-2018; jinnota madankollu li l-ECHA ngħatat kompli addizzjonali skont id-Direttiva KE/2008/98 riveduta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> (id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart) li għaliha attwalment ma huma previsti l-ebda post jew finanzjament fl-AB 2019; jinnota, barra minn hekk, li huma previsti wkoll kompli ġoddha għall-ECHA fir-riformulazzjoni pendent tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> dwar pollutanti organiċi persistenti u fir-reġim taċ-Ċentru tal-Avvelenament tal-UE, u jitlob li jkun hemm bīżejjed riżorsi disponibbli għall-ECHA sabiex tkun tista' twettaq dawk l-attivitajiet il-ġoddha;
10. Jenfasizza li, minbarra li kellha żieda sinifikanti fil-kompli eżistenti tagħha, l-EEA ngħatat responsabbiltajiet ġoddha li jirriżultaw f'żieda fil-bżonnijiet finanzjarji u tal-persunal tagħha, b'risspett tal-objettivi tat-tnejjix fil-persunal u tal-istabbilizzazzjoni tal-baġit; jenfasizza li mingħajr żieda fit-tabella tal-persunal tagħha, hemm riskju ta' tfixxil sostanzjali fl-abilità tal-EEA li tappoġġa l-iżvilupp u l-implementazzjoni tal-politika ambjentali fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali;
11. Jinnota li l-EMA qed tħabbat wiċċha ma' ammont ta' xogħol ikbar u ħtiġijiet baġitarji ulterjuri fl-2019 b'konsegwenza tad-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni; jemmen li għandhom jiġu awtorizzati riżorsi finanzjarji u tal-persunal addizzjonali għal perjodu limitat, ħalli l-EMA tkun tista' tittrasferixxi u żżomm l-għarfien u l-ħiliet kritiċi meħtieġa biex tkompli twettaq il-kompli tagħha b'mod effettiv u biex terġa' tkompli dawk l-attivitajiet li attwalment jinsabu posposti;
12. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta rapidament proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji (PP-AP) fil-qasam tal-ambjent, is-saħħha pubblika u s-sikurezza tal-ikel;
13. Ifakk li l-PP-AP fil-qasam tal-ambjent, is-saħħha pubblika u s-sikurezza tal-ikel għandhom jirċievu finanzjament adegwat matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jiksbu l-potenzjal shiħi tagħhom;
14. Ifakk fil-prinċipju tal-obbligu ta' rendikont lill-kontribwenti u lill-konsumaturi, u

<sup>1</sup> L-EFSA talbet post addizzjonali biex tiġi koperta l-pożizzjoni ta' Kap tal-Ufficċċu ta' Appoġġ għall-Aġenziji tal-UE fi Brussell. Il-finanzjament ta' dan il-post se jiġi kondiviż bejn l-Aġenziji tal-UE, mingħajr il-bżonn ta' baġit addizzjonali f'dan ir-rigward.

<sup>2</sup> Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3) kif emendata reċentement mid-Direttiva (UE) 2018/851 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 109).

<sup>3</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7).

għaldaqstant iħeġġeġ dixxiplina baġitarja annwali b'sahħħitha sabiex jitqies il-piż finanzjarju taċ-ċittadini; jišhaq li kull sena għandha tiġi rieżaminata l-kosteffettività tal-politiki, il-programmi u l-miżuri attwali u, meta jkun neċessarju, għandhom jittieħdu l-miżuri xierqa.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI  
OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	30.8.2018	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	40 6 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Margrete Auken, Pilar Ayuso, Ivo Belet, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Birgit Collin-Langen, Miriam Dalli, Angélique Delahaye, Mark Demesmaeker, Stefan Eck, José Inácio Faria, Karl-Heinz Florenz, Francesc Gambús, Arne Gericke, Jens Gieseke, Françoise Grossetête, Benedek Jávor, Karin Kadenbach, Urszula Krupa, Giovanni La Via, Susanne Melior, Miroslav Mikolášik, Rory Palmer, Massimo Paolucci, Piernicola Pedicini, Bolesław G. Piecha, Pavel Poc, John Procter, Michèle Rivasi, Annie Schreijer-Pierik, Renate Sommer, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Adina-Ioana Vălean, Jadwiga Wiśniewska, Damiano Zoffoli	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Guillaume Balas, Cristian-Silviu Bușoi, Elena Gentile, Anja Hazekamp, Norbert Lins, Younous Omarjee, Christel Schaldemose, Bart Staes, Keith Taylor, Carlos Zorrinho	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Olle Ludvigsson	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>40</b>	<b>+</b>
EFDD	Piernicola Pedicini
GUE/NGL	Stefan Eck, Anja Hazekamp
PPE	Pilar Ayuso, Ivo Belet, Cristian-Silviu Bușoi, Birgit Collin-Langen, Angélique Delahaye, José Inácio Faria, Karl-Heinz Florenz, Francesc Gambús, Jens Gieseke, Françoise Grossetête, Giovanni La Via, Norbert Lins, Miroslav Mikolášik, Annie Schreijer-Pierik, Renate Sommer, Adina-Ioana Vălean
S&D	Guillaume Balas, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Miriam Dalli, Elena Gentile, Karin Kadenbach, Olle Ludvigsson, Susanne Melior, Rory Palmer, Massimo Paolucci, Pavel Poc, Christel Schaldemose, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Damiano Zoffoli, Carlos Zorrinho
VERTS/ALE	Margrete Auken, Benedek Jávor, Michèle Rivasi, Bart Staes, Keith Taylor

<b>6</b>	<b>-</b>
ECR	Mark Demesmaeker, Arne Gericke, Urszula Krupa, Bolesław G. Piecha, John Procter, Jadwiga Wiśniewska

<b>1</b>	<b>0</b>
GUE/NGL	Younous Omarjee

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni